# L-ISKOLA PRIMARJA TA SAN PAWL IL-BAĦAR TISSEMMA GĦALL-PATRI FELIĊ SAMMUT OFM Conv.

Iċ-ċerimonja tant mistennija ta' l-għoti ta' l-isem lill-iskola Primarja ta' San Pawl il-Baħar saret nhar it-13 ta' Frar 2001. L-iskola ssemmiet għall-Patri Feliċ Sammut, Patri Franġiskan Konventwal min San Pawl il-Baħar, li sar kittieb u Poeta.

Iċ-ċerimonja saret fis-Sala ta' l-iskola u kien hemm presenti l-onor. Ministru tat-Transport u Komunikazzjoni s-Sur Ċensu Galea, id-Direttur Ġenerali ta' l-Edukazzjoni, Assistenti Diretturi, Uffiċċjali tal-Edukazzjoni, Kunsilliera, il-Presidenta u membri tal-Kunsill Skolastiku qraba ta' Patri Feliċ, għalliema u s-752 tfal li jattendu din l-iskola.

Iċ-ċerimonja bdiet b'quddiesa konċelebrata mmexxija mill-Kappillan Patri Joseph Mamo ofmConv, flimkien ma ħdax il-saċerdot. L-ewwel qari sar mit-tfal tat-Tielet sena u dan kien animat mill-istudenti tas-sitt sena. Abbatini subien u bniet assistew fil-konċelebrazzjoni. Wara l-quddiesa l-Kor ta' l-iskola kanta l-innu ta' l-iskola. Il-kliem ta' dan l-innu huma l-ewwel strofi tal-poeżija "San Pawl il-Baħar" miktuba minn Patri Feliċ.



Pati Baskal Magro ofmConv, neputi ta' Patri Feliċ li ġie apposta minn Assisi għall-okkażjoni, ta tagħrif dwar Patri Feliċ. Studenti mir-Raba' sena qraw il-poeżija "*Għanja lil San Pawl il-Baħar*", filwaqt li studenti tal-ħames sena qraw il-poeżija "*Maltin Għalina*" u studenti tas-Sitt sena qraw il-poeżija "San Pawl il-Baħar" poeżiji li huma kollha miktuba minn Patri Feliċ. Patri Dumink Bonello ofmConv qara Poeżija bl-isem "*Lil Patri Feliċ Sammut OFM Conv*" li kiteb hu stess. Filwaqt li Patri Arthur Saliba ofmConv tkellem dwar il-ħajja ta' Patri Feliċ. Saru wkoll preżentazzjonijiet ta' kotba minn Patri Baskal Magro u Patri Arthur Saliba lill-Librerija ta' l-Iskola. Id-Direttur Ġenerali ta' l-Edukazzjoni s-Sur C. Mizzi indirizza lil dawk li kienu preżenti. Wara sar it-tberik u l-kxif ta' l-lapida bl-isem ta' l-iskola. Id-Direttur ta' l-Edukazzjoni fetaħ Esebizzjoni fuq Patri Feliċ imtellgħa mill-iskola.

Iċ-ċerimonja spiċċat bil-kant ta' l-Innu Nazzjonali.

***Ms. Josephine Magro***
Ass. Head

